# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
## (ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-28 TA' SETTEMBRU, 2023**

**Kawża Numru: 5K**

**Rik. Kost. 177/2022 RGM**

**Nathalie Frendo Azzopardi**
**Christine mart Christopher Sciberras**
**Doris armla minn Joseph Frendo Azopardi fil-kwalità tagħha ta' użufruttwarja tal-mejjet żewġha Joseph Frendo Azopardi**

**vs.**

**Avukat tal-Istat**

**Lisianne Seychell**

**Il-Qorti**

1. B'rikors tas-7 t'April 2022 ir-rikorrenti Nathalie Frendo Azopardi, Christine Sciberras u Doris Frendo Azopardi fissru li huma sidien tal-fond 147 ġia 120, Triq San Bartolomew, Ħal Qormi liema proprjetà huma wirtu mingħand missierhom Joseph Frendo Azopardi (li miet fis-26 ta' Mejju 1987) kif soġġett għall-użufrutt tar-rikorrenti Doris Frendo Azopardi u dan b'testment tal-5 t'April 1983 fl-atti tan-Nutar Joseph

Henry Saydon. Fissru li l-fond mertu tal-kawża ġie mikri lin-nanniet materni tal-intimata Seychell tmenin sena ilu u wara l-mewt tagħhom il-kirja tal-fond iddevolviet fuq missierha u ommha u sussegwentement fuqha. Bis-saħħa tal-Att X tal-2009, il-kera bdiet togħla biex illum, skont ir-rikorrenti, il-kirja hija ta' €233 fis-sena. Ippremettew li din il-kirja ġiet imġedda skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69 u dan bi preġudizzju għad-drittijiet tagħhom stante li l-kirja mħallsa fis-sena, kif restritta bil-liġi, ma tirriflettix il-valur reali tal-proprjetà fis-suq. Ippremettew li dan iwassal għal leżjoni tad-drittijiet tal-proprjetà tagħhom, għaldaqstant talbu lil din il-Qorti sabiex

> "i. Tiddikjara u tiddeċiedi illi fil-konfront tar-rikorrenti il-fatti suesposti u l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola l-Tigdid tal-Kiri tal-bni ossija l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta (b'mod partikolari l-Artikolu 3, 4, 5 , 6 u 8) u l-Att X tal-2009 (b'mod partikolari, iżda mhux biss, l-Artikolu 1531Ċ u 1531F tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta), u bl-operazzjonijiet tal-Ligijiet vigenti qieghdin jaghtu dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-intimata Lisianne Seychell (K.I. 585983) ghall-fond 147, Triq San Bartolomew, Hal Qormi), u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif saniciti inter alia fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u b'hekk ghar-ragunijiet fuq esposti u dawk li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti ghandha tinghata r-rimedji kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi.
>
> ii. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli ghal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza ta' l-operazzjonijiet tal-Kap. 69 (b'mod partikolari l-Artikolu 3, 4, 5 , 6 u 8) u l-Att X tal-2009 (b'mod partikolari, iżda mhux biss, l-Artikolu 1531Ċ u 1531F tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) u bl-operazzjonijiet tal-Ligijiet vigenti, talli ma nzammx bilanċ u proporzjon bejn id-drittijiet tas-sidt u dawk tal-inkwilina peress illi l-kera pagabbli a tenur tal-ligijiet vigenti ma tirriflettix is-suq u l-anqas il-valur lokatizzju tal-proprjeta in kwistjoni wkoll ai termini tal-Ligi.
>
> iii. Tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti, wkoll ai termini tal-Ligi.
>
> iv. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat jhallas l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-Ligi, bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni ta' l-intimati minn issa għas-subizzjoni."

2. L-Avukat tal-Istat ippreżentat ir-risposta tiegħu fit-8 ta' Ġunju 2022 fejn eċċepixxa li r-rikorrenti għandhom juru s-sehem u l-interess li kull waħda minnhom għandha u minn meta akkwistaw it-titolu għad-dar mertu tal-kawża. Ġie eċċepiet li r-rikorrenti għandhom jippreżentaw il-ftehim tal-kirja u dan sabiex jiġi stabbilit meta bdiet il-kirja u sabiex jiġi ppruvat ukoll li l-inkwilina tabilħaqq tgawdi minn kirja li tiġġedded skont il-Kapitolu 69. Fil-mertu jgħid li l-Istat għandu kull jedd li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-proprjetà skont l-interess ġenerali u għandu diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u jistabbilixxi liema huma dawk il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien tal-interess ġenerali. Ingħad ukoll li l-ilment taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll m'għandux imur oltre t-30 ta' April 1987 u dan stante li ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 319, ebda ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it-30 t'April 1987 m'għandu jagħti lok għal xi azzjoni quddiem il-Qrati Maltin. L-Avukat tal-Istat għamel referenza wkoll għall-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Ingħad li bid-dħul tal-Att X tal-2009, l-ammont tal-kera jogħla kull tlett snin skont l-Artikolu 1351Ċ tal-Kapitolu 16. In oltre ġie eċċepiet ukoll bis-saħħa tal-Artikolu 4A tal-Kapitolu 69 ir-rikorrenti jistgħu jitolbu li jieħdu lura l-post u ma jġeddux il-kera, jistgħu jitolbu l-awment tal-kera sa massimu ta' 2% tal-valur ħieles tas-suq u wkoll li dan l-artikolu jżomm bilanċ bejn l-interessi tas-sidien u l-interessi tal-kerrej u jgħaddi sabiex jagħmel referenza għal proċedura intavolata mir-rikorrenti quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera kontra l-inkwilina. Eċċepixxa li konsegwentement din il-Qorti m'għandhiex issib ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Ġie eċċepiet li l-kumpens għandu jkun limitat għal dak iż-żmien li matulu r-rikorrenti kienu attwalment propjetarji tal-fond in kwistjoni sal-1 ta' Ġunju 2021.

3. Rat ir-risposta tal-intimata Seychell ippreżentata fl-20 ta' Lulju 2022 fejn fiha eċċepiet li m'hijiex il-leġittimu kontradittur tat-talbiet rikorrenti Fil-mertu ġie eċċepiet li hija dejjem ħallset il-kera skont il-liġi. Irrilevat wkoll li hija m'għandhiex tbati spejjeż.

4. Rat li fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2022 il-Qorti nominat lil Perit Ivan Giordano sabiex jirrelata dwar il-valur lokatizzju tal-fond mertu tal-kawża għall-perjodu mis-sena 1987 sas-7 t'April 2022 u dan f'intervalli ta' ħames snin.

5. Rat ir-rapport tal-Perit Ivan Giordano ppreżentat fit-13 t'Ottubru 2022 u maħluf fit-2 ta' Novembru 2022.[1]

[1] Fol 43 et seq tal-proċess.

6. Rat l-atti tal-kawża.

7. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti ppreżentata fit-23 ta’ Marzu 2023[2] kif ukoll in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat ippreżentata fit-22 ta’ Mejju 2023[3]. Rat li l-inkwilina Seychell baqgħet ma ppreżentatx nota ta’ sottomissjonijiet.

8. Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Eċċezzjonijiet preliminari**

**Interess Ġuridiku tar-Rikorrenti.**

9. L-Avukat tal-Istat ressaq l-eċċezzjoni li r-rikorrenti għandhom juru s-sehem u l-interess ġuridiku li kull waħda minnhom għandha u minn meta akkwistat it-titolu għad-dar mertu tal-kawża. In linea preliminari wkoll eċċepew li għandu jiġi ppreżentat kopja tal-kuntratt tal-kiri sabiex jiġi stabbilit minn meta bdiet il-kirja u li l-inkwilina tassew tgawdi minn kirja protetta taħt il-Kapitolu 69.

10. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet tiegħu l-Avukat tal-Istat isostni illi “minn Mejju tas-sena 1987 sad-data tal-preżentata tar-rikors promotur kienet biss ommhom Doris Frendo Azopardi li kellha jedd tgawdi mill-frott tal-proprjeta minħabba li żewġha ħallielha l-użufrutt. Għaldaqstant it-talbiet rikorrenti għandhom jiġi miċħuda fl-intier tagħhom fil-konfront ta’ Naalie Frendo Azopardi u Christine Sciberras.”[4]

11. Il-Qorti ma taqbilx.

12. Fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni referibbli għall-interess ġuridiku (li hija r-raba’ eċċezzjoni fir-risposta tal-Avukat tal-Istat), il-Qorti tirrileva li mar-rikors promotur ir-rikorrenti ppreżentaw it-testment ta’ Joseph Frendo Azopardi li sar fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon fil-5 t’April 1983 fejn fl-ewwel artikolu tat-testment it-testatur ħalla lil martu b’titolu ta’ legat l-użufrutt tal-beni kollha tiegħu u fir-raba’ artikolu nnomina lill-uliedu Nathalie u Christine bħala werrieta universali fi kwoti ugwali bejniethom. Joseph Frendo Azopardi miet fis-26 ta’ Mejju 1987 u d-

---

[2] Fol 102 et seq tal-proċess

[3] Fol 112 et seq tal-proċess.

[4] Fol 113 tal-proċess.

dikjarazzjoni *causa mortis* saret fit-3 ta' Marzu 1988. Għalhekk mis-26 ta' Mejju 1987 'il quddiem kienet ir-rikorrenti Doris Frendo Azopardi waħedha li kellha jedd tirċevi l-kera tal-fond u mhux ukoll ir-rikorrenti l-oħra. Pero' l-ilment tar-rikorrenti ma hux biss dwar il-quantum tal-kera perċepibbli iżda wkoll dwar in-nuqqas fil-liġijiet viġenti fiż-żmien rilevanti li ma kienux jipprovdu l-ebda rimedju raġjonevoli sabiex is-sid jirriprendi l-fond lokat meta l-inkwilin ma kienx jistħoqqlu aktar il-protezzjoni.[5] Għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi respinta.

13. Fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni surreferita (li hija l-ħames eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat), nonostante li ma ġiex ippreżentat il-kuntratt tal-kiri – u dan anke stante li qabel l-1 ta' Jannar 2010 il-kirjiet setgħu ssiru bil-fomm – l-inkwilina ppreżentat kopja tal-ktieb tal-kera li jmur lura għal bidu tas-sena 1968. Minn dan il-ktieb jirriżulta li l-ewwel kirja ġiet imħallsa minn Carmelo Casha, in-nannu matern tal-inkwilina attwali. Fis-sena 1982 bdiet titħallas minn Anthony Seychell, missier l-inkwilina u mis-sena 2002 sas-sena 2020 baqgħet titħallas minn omm l-inkwilina u ċioe Sebastiana Seychell. Sussegwenti għall-mewt ta' Sebastiana Seychell il-kirja għaddiet bil-liġi fuq l-intimata Lisianne Seychell li baqgħet tirrisjedi fil-fond sa Settembru 2022.

14. Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti għalhekk tgħaddi sabiex tiċħad din l-eċċezzjoni.

15. L-inkwilina Seychell ukoll resqet eċċezzjonijiet ta' natura preliminari. Fl-ewwel eċċezzjoni tagħha, Lisianne Seychell eċċepiet li m'hijiex il-leġittimu kontradittur. Dwar dan il-punt, din il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Abela vs. L-Onor. Prim Ministru et** deċiża fis-7 ta' Diċembru 1990:

> "F'kawżi ta' natura kostituzzjonali bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, il-leġittimi kontradditturi ta' dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tliet kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma, direttament jew indirittament, responsabbli għall-kummissjoni jew omissjoni ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi. Fit-tieni kategorija huma dawk li għall-omissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni tal-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja."

[5] Ara premessa nru. 14

16. Huwa aċċettat fil-ġurisprudenza tagħna illi f`kawżi ta' indoli kostituzzjonali u/jew konvenzjonali huwa l-Istat illi għandu jwieġeb għall-vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali billi huwa l-Istat illi għandu l-obbligu illi jassigura li l-liġijiet ma joħolqux żbilanċ inġust bejn id-drittijiet tal-persuna u l-interess ġenerali.

17. L-Avukat tal-Istat huwa r-rappreżentant tal-Istat. Jekk ir-rikorrenti jseħħilhom jipprovaw l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom, u bħala rimedju tingħata kumpens (sew jekk pekunarju sew jekk ikun morali) huwa l-Istat illi għandu jagħmel tajjeb għall-ħlas tal-kumpens. Il-leżjoni lamentata mir-rikorrenti fil-kawża odjerna m'hijiex diretta kontra l-intimata Seychell.

18. L-intimata Seychell meta ġiet intavolata l-azzjoni kellha tkun parti fil-kawża għaliex kellha leġittimazzjoni passiva fil-mertu tal-kawża billi d-deċiżjoni li ser tippronunzja l-Qorti setgħet tolqot direttament lilha. Jidher li l-leġittimazzjoni passiva tal-intimata Seychell ma baqatx fis-seħħ una volta li fil-mori tal-kawża, f'Settembru 2022, ivvakat il-fond u l-pussess vakant ġie mgħoddi lir-rikorrenti. Għaldaqstant fid-dawl ta' dan il-kambjament fiċ-ċirkostanzi fil-mori tal-kawża il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni u tiddikjara li l-intimata Seychell m'hijiex il-leġittimu kontradittur tat-talbiet rikorrenti għar-raġunijiet imsemmija.

Ikkunsidrat;

**Mertu**

19. Ir-rikorrenti ippremettew li fiż-żmien rilevanti kienu marbuta li jkomplu jġeddu l-kirja a tenur tal-**Artikolu 3 tal-Kapitolu 69** li jipprovdi illi:

> "Sid il-kera ta' xi fond ma jistax, meta jagħlaq iż-żmien tal-kiri (sew jekk dan iż-żmien ikun skont il-ftehim, legali, skont l-użu jew imnissel mid-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza), jirrifjuta li jġedded il-kiri jew li jgħolli l-kera jew li jagħmel kondizzjonijiet ġodda għat-tiġdid tal-kiri mingħajr il-permess tal-Bord."

20. Fiż-żmien rilevanti, skont Kapitolu 69, il-Bord setgħa jagħti permess ta' ripreża f'każijiet speċifiċi u limitati biss. Il-kera li setgħet tiġi stabbilita kienet marbuta skont il-*fair rent* a tenur tal-**Artikolu 4 (2)** tal-Kapitolu 69. Qabel l-emendi li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021 promulgati bl-**Att XXIV tal-2021**, dan l-artikolu kien jipprovdi li:

"jekk il-kera ġdid ma jkunx iżjed minn 40% mill-kera ġust (stabbilit, meta meħtieġ, bi stima) li bih il-fond kien mikri jew seta` jinkera f`kull żmien qabel l-4 ta` Awissu tal-1914: il-Bord jista` jistabbilixxi dan il-kera ġust."

21. Permezz tal-**Att X tal-2009**, daħlu fis-seħħ emendi għal-liġi tal-kera fosthom l-**Artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16** li jipprovdi:

"(1) Għall-kera ta' dar ta' abitazzjoni li kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 għandha tibqa' tgħodd il-liġi kif kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 hekk iżda li fin-nuqqas ta' ftehim mod ieħor milħuq bil-miktub wara l-1 ta' Jannar, 2010, ir-rata tal-kera mill-1 ta' Jannar, 2010 għandha, fejn din kienet anqas minn mija u ħamsa u tmenin euro (€185) fis-sena, titla' għal dan l-ammont:

Iżda fejn ir-rata ta' kera kienet aktar minn mija u ħamsa u tmenin euro (€185) fis-sena, din għandha tibqa' bir-rata ogħla hekk stabbilita.

(2) F'kull każ imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ir-rata tal-kera għandha tiżdied kull tliet snin b'mod proporzjonali ghall-mod li bih ikun zdied l-indici tal-inflazzjoni skont l-Artikolu 13 tal-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar; l-ewwel awment isir fid-data tal-ewwel hlas tal-kera dovut wara l-1 ta' Jannar 2013."

22. Ir-rikorrenti jinsistu li b'dawn l-artikoli ma setgħux jawmentaw il-kera għar-rata li tirrifletti dak li l-fond kien iġib fis-suq liberu u lanqas setgħu jieħdu l-fond lura fi żmien raġonevoli bil-konsegwenza li ġie leż id-dritt fundamentali tagħhom sanċit taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Ikkunsidrat;

23. Għal kull buon fini l-Qorti tosserva li fi premessa 16, ir-rikorrenti għamlu referenza għall-Artikoli 37 u 45 tal-Kostituzzjoni. Dawn l-artikoli ma ġewx inklużi fit-talbiet u għalhekk il-Qorti m'hi ser tagħmel ebda osservazzjoni fir-rigward.

**Allegat leżjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**

24. Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi li:

"Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-

possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni"

25. L-interpretazzjoni prevalenti għal din id-disposizzjoni li llum tagħmel parti mil-liġi Maltija hi illi qiegħda tipproteġi lill-persuna fit-tgawdija ħielsa ta' ħwejjiġha li jinkludu l-possedimenti tagħha.

26. L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll fih tliet regoli: L-ewwel regola tistabilixxi d-dritt li kull persuna tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku u bla ħsara ta' kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta' dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal-ġid skond l-interess ġenerali, jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pieni.

27. Sabiex l-aġir tal-Istat bħalma hu l-promulgazzjoni ta' liġi li tagħti protezzjoni lill-inkwilin, ma jikwalifikax bħala leżiv tal-jedd konvenzjonali tal-individwu jeħtieġ li jkun inżamm bilanċ bejn l-interessi tal-komunità u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għemil tal-Istat.

28. Huwa meqjus illi liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jieħu ġid ta' individwu għall-għanijiet fl-interess ġenerali huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjetà demokratika. Però tali setgħa ma hiex bla limitazzjoni jew bla xkiel. Ir-regola ġenerali tibqa' li l-individwu għandu l-jedd fundamentali li jgawdi l-ġid tiegħu mingħajr xkiel u għalhekk meta l-Istat jirfes fuq dak id-dritt jeħtieġ li juri illi tali ndħil seħħ f'qafas legali fejn id-drittijiet tal-individwu ġew rispettati. Dan l-obbligu fuq l-Istat jisssussisti sew meta l-liġi tippermetti lill-Istat li jieħu bil-forza l-ġid ta' individwu f'idejh, sew meta l-liġi tkun maħsuba sabiex tirregola l-użu ta' dak il-ġid.

29. Għalkemm taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni s-setgħa tal-Istat li jikkontrolla l-użu tal-ġid hija wiesgħa, huwa dejjem meħtieġ mhux biss li jintwera l-interess ġenerali iżda wkoll li jinżamm bilanċ bejn l-interess ġenerali u dak tal-individwu milqut bl-aġir tal-Istat. Hawn jidħol l-element tal-proporzjonalità fejn l-indħil għandu jiġi kontro bilanċjat minn kumpens xieraq. Jekk l-Istat jieħu bil-forza proprjetà għandu jħallas kumpens ġust tal-valur tagħha.

Jekk l-Istat ma jieħux proprjetà bil-forza iżda jieħu minn idejn is-sid l-użu ta' dik il-proprjetà, għandu jkun hemm mekkaniżmu legali kif is-sid jiġi kumpensat minħabba tali restrizzjoni fit-tgawdija tal-possediment tiegħu. Jekk m'hemmx tali mekkaniżmu ifisser li l-Istat huwa responsabbli ta' leżjoni tad-dritt tas-sid kif protett bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

30. Kapitolu 69 kien jagħmilha prattikament impossibbli li s-sid jieħu lura l-fond mikri jekk mhux għal raġunijiet eċċezzjonali, filwaqt li l-kera baqgħet staġnata. Bl-Att X tal-2009 il-Leġislatur introduċa emendi għall-Kapitolu 16 suppost bl-iskop li jiġi indirizzat l-iżbilanċ li kien hemm kontra s-sidien f'dawn iċ-ċirkostanzi. Dak l-Att introduċa **Artikolu 1531Ċ għall-Kapitolu 16** li kien jaqra kif ġej:

> "(1) Għall-kera ta' dar ta' abitazzjoni li kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 għandha tibqa' tgħodd il-liġi kif kienet fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 1995 hekk iżda li fin-nuqqas ta' ftehim mod ieħor milħuq bil-miktub wara l-1 ta' Jannar, 2010, ir-rata tal-kera mill-1 ta' Jannar, 2010 għandha, fejn din kienet anqas minn mija u ħamsa u tmenin euro (€185) fis-sena, titla' għal dan l-ammont:
>
> Iżda fejn ir-rata ta' kera kienet aktar minn mija u ħamsa u tmenin euro (€185) fis-sena, din għandha tibqa' bir-rata ogħla hekk stabbilita.
>
> (2) F'kull każ imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ir-rata tal-kera għandha tiżdied kull tliet snin b'mod proporzjonali ghall-mod li bih ikun zdied l-indici tal-inflazzjoni skont l-Artikolu 13 tal-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar; l-ewwel awment isir fid-data tal-ewwel hlas tal-kera dovut wara l-1 ta' Jannar 2013."

31. Ir-rikorrenti ppremettew fir-rikors promotur li huma kienu qed jirċevu l-ħlas ta' €233 kera fis-sena liema somma hija manifestament baxxa wisq meta komparata mal-potenzjal li l-fond seta' jiġġenera fiż-żmien rilevanti.

32. Il-Qorti Kostituzzjoni fis-sentenza **Patricia Curmi et vs. Miriam Pace et** (Rik Kost 68/2019 - 6 ta' Ottubru 2020) irriteniet illi l-emendi introdotti bl-Att X tal-2009 b'mod partikolari bl-introduzzjoni tal-Artikolu 1531Ċ fil-Kodiċi Ċivili ġabu awment fil-kera li ma jistax jiġi kkunsidrat illi indirizza l-iżbilanċ bejn l-interessi tas-sidien u l-interessi tal-inkwilin u s-soċjetà in ġenerali.

33. Ingħad fl-imsemmija deċiżjoni li "*Il-kera irriżorja li għaliha huma intitolati s-sidien tilledi l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni*". Intqal ukoll

f'sentenza aktar riċenti li "*illum hu stabbilit li l-awment tal-kera li jipprovdi l-Att X tal-2009 hu inadegwat u ma wassalx sabiex sidien il-kera jirċievu kera diċenti.*"[6]

34. Għalhekk il-Qorti tqis li l-emendi bl-Att X tas-sena 2009 għall-Kapitolu 16 ma kinux biżżejjed sabiex jissodisfaw l-element ta' proporzjonalità ladarba l-awment kien qiegħed jiġi kkalkolat fuq kera li hija ħafna inqas minn dik tas-suq, minħabba r-restrizzjoni kif kienu kontemplati fl-Artikolu 4 (b) tal-Kapitolu 69 qabel l-emendi bl-Att XXIV tal-2021.

35. Rigward **Artikolu 4A tal-Kapitolu 69** introdott bl-**Att XXIV tal-2021,** dan l-artikolu jagħti l-possibilità lil kull persuna li qiegħda fl-istess sitwazzjoni tar-rikorrenti, li titlob lill-Bord li Jirregola l-Kera jiffissa l-kera f'ammont li jkun sa tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, bil-possibilità wkoll li l-Bord jaċċetta d-dħul ta' kundizzjonijiet ġodda li jirregolaw dan il-ftehim ta' kirja kif ukoll li jiġi revedibbli kull sitt (6) snin. Il-Bord huwa obbligat jagħmel test tal-mezzi sabiex jara jekk l-inkwilin jissodisfax il-kriterji sabiex ikompli fil-kirja jew le.

36. Din il-Qorti tqis li Artikolu 4A jipprovdi rimedju lis-sidien li l-jedd fundamentali tagħhom għat-tgawdija tal-possediment tagħhom huwa leż. Il-Qrati ilhom perjodu twil jiddikjaraw li Kapitolu 69 qabel l-emendi tal-2021 kien leżiv tal-jedd konvenzjonali ta' sid il-kera. B'dan il-provvediment legali ġdid ġiet stabbilita proċedura għas-sid sabiex jitlob l-awment jew l-iżgumbrament tal-inkwilin a bażi ta' kriterji stabbiliti bl-istess Att.

37. Fil-fatt din il-Qorti tosserva li r-rikorrenti irrikorrew għal dan ir-rimedju meta fis-7 t'April 2022 resqu rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet Nathalie Frendo Azopardi et vs. Lisianne Seychell liema kawża ġiet ċeduta in vista li l-intimata vvakat il-fond mertu tal-kawża.

38. Għaldaqstant din il-Qorti hija sodisfatta li l-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-2021 ħolqu bilanċ proporzjonat bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilini li kif rajna wassal sabiex l-inkwilin tirritorna l-pussess tal-fond lir-rikorrenti.

39. Iżda dawn ir-rimedji mogħtija b'dan l-artikolu saru disponibbli għas-sidien mill-1 ta' Ġunju 2021 'il quddiem u ċioe minn meta daħlu fis-seħħ l-emendi u għalkemm jista' jingħad li minn Ġunju tal-2021 ma jistax jitqies li hemm ksur tad-drittijiet

[6] **Carmel sive Charles Sammut et vs. Maria Stella Dimech et** (Rik Kost 161/2019) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Mejju 2021.

fundamentali tar-rikorrenti, però mhux l-istess jista' jingħad għaż-żmien antecedenti d-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu.

40. Skond ir-**relazzjoni teknika tal-Perit Tekniku Ivan Giordano** ppreżentata fit-13 t'Ottubru 2022 il-valur lokatizzju tal-fond fis-sena 2021 kien ta' €5,856.87.

41. **Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern il-Qorti hi tal-fehma illi Kapitolu 69 kif ukoll l-emendi bl-Att X tal-2009 għall-Kapitolu 16 ħolqu indħil sproporzjonat fuq id-drittijet tar-rikorrenti peress illi hemm differenza kbira bejn il-kera perċepita jew perċepibbli skond il-liġi fiż-żmien rilevanti u l-potenzjal tal-kera li l-fond seta' jiġġenera lir-rikorrenti, bil-konsegwenza li ġie leż id-dritt fundamentali tagħhom kif sanċit bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. B'dan illi tqis li seħħet leżjoni tad-dritt fundamentali tagħhom.**

**Il-Perijodu tal-Leżjoni Rilevanti għall-finijiet tal-Likwidazzjoni tad-Danni.**

**Dies ad quem**.

42. Fuq l-iskorta tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali u għall-finijiet tal-likwidazzjoni tad-danni pekunjarji l-Qorti ser tikkonsidra li l-perijodu rilevanti jwassal sal-31 ta' Mejju 2021 u ċioe lejliet id-dħul fis-seħħ ta' Artikolu 4A tal-Kapitolu 69.

**Dies a quo**.

43. Il-Qorti m'hijiex sejra tieħu konjizzjoni tal-kera li setgħu jdaħħlu r-rikorrenti u l-ante causa tagħhom qabel id-dħul fis-seħħ tal-Kapitolu 319 u ċioe qabel is-sena 1987. In tema legali ssir referenza għas -sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Josephine Mifsud Saydon vs. L-Avukat tal-Istat et** deċiża fit-30 ta' Marzu 2022 fejn ġie ritenut:

> "Il-Qorti tqis li huwa korrett l-argument tal-Avukat tal-Istat li l-ewwel Qorti kellha tikkalkula l-kumpens dovut lir-rikorrenti b'effett mit-30 ta' April 1987 u mhux mis-sena 1975. L-Artikolu 7 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "[e]bda ksur...tal-Artikoli 1 sa 3 (inklużi) tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it-30 ta' April 1987...ma għandu jagħti lok għal xi azzjoni taħt l-Artikolu 4." Għalhekk l-Avukat tal-Istat għandu raġun li l-perjodu relevanti

għall-finijiet ta' din il-kawża beda b'effett mit-30 ta' April 1987 u mhux mill-1975 kif ikkonsidrat l-ewwel Qorti."[7]

44. Dwar il-perijodu li għandu jittieħed kont għall-finijiet ta' likwidazzjoni tad-danni pekunjarji, ssir referenza għas-sentenza **Carmel Sammut et vs. Maria Stella Dimech et** (Rik Kost 161/2019) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Mejju 2021 fejn ġie ritenut illi:

> "17. Il-fatt li l-proprjeta` għaddiet għand l-aħwa Sammut wara l-mewt ta' missierhom fit-22 ta' Ottubru 2008 ma jfissirx li għandhom jedd għall-kumpens minn dakinhar biss. Huma werrieta ta' missierhom u bħala tali għandhom jedd ukoll li jippretendu kumpens għall-perjodu meta missierhom kien is-sid. Min-naħa l-oħra ommhom Margaret Sammut hi attriċi u tgawdi l-użufrutt ta' ġidu bit-testment li għamel fis-16 ta' Settembru 1976 fl-atti tan-nutar Anthony Gatt."

45. Aktar riċenti, fil-każ fl-ismijiet **Erica Gollcher et vs. L-Avukat tal-Istat** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Jannar 2022, reġa' ġie mtenni illi:

> "26. Fir-rigward tal-argument illi d-danni akkordati huma eċċessivi, il-Qorti tibda billi tosserva illi ma taqbilx mal-ewwel Qorti li ż-żmien relevanti beda jiddekorri mill-2001, u ċioe` minn meta l-fond in kwistjoni sar proprjetà` tal-atturi. Jirriżulta li l-atturi akkwistaw dan il-fond bħala leredi ta' ommhom, u għalhekk iż-żmien relevanti m'għandux jiġi ristrett għad-data meta l-atturi saru l-proprjetàrji, ġaladarba bħala eredi ta' ommhom, huma daħlu fiż-żarbun tagħha. Dan ifisser għalhekk li lewwel Qorti ma akkordatx kumpens għal numru ta' snin li għalihom l-atturi kienu ntitolati għal kumpens."[8]

46. Fid-dawl tal-ġurisprudenza appena ċitata li din il-Qorti taqbel magħha, tiddikjara illi għall-finijiet ta' likwidazzjoni tad-danni pekunjarji ser tieħu in konsiderazzjoni l-perijodu li jibda mill-1 ta' Mejju 1987, id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Kapitolu 319, sat-30 ta' Mejju 2021, lejliet id-dħul fis-seħħ ta' Artikolu 4A tal-Kapitolu 69.

47. Dwar il-quantum tad-danni pekunjarji, kif inżamm mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Professur Ian Refalo nomine vs. Nicholas Ciantar et** mogħtija fl-4 ta' Mejju 2022:

---

[7] Ara wkoll **Carmelina Bugeja vs. Nazzareno Spiteri et** (Rik Kost 91/2019) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Marzu 2022 u **Maria Concetta Camilleri et vs. Avukat tal-Istat et** (Rik Kost 292/2020) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Ġunju 2020.

[8] Ara wkoll **Nutar Pierre Cassar vs. Avukat tal-Istat** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-4 ta' Mejju 2022.

"Il-Qorti tirrileva li llum-il ġurnata l-likwidazzjoni tal-kumpens dovut f'dawn it-tip ta' każijiet isegwi l-kriterji ta' komputazzjoni stabbiliti fis-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Cauchi v. Malta** (QEDB, 25/03/2021). F'din is-sentenza ġie spjegat, in suċċint, illi sabiex jiġi likwidat kumpens xieraq għandu jsir tnaqqis ta' ċirka 30% mis-somma li kienet tkun perċepibbli mill-attur fuq is-suq liberu minħabba l-għan leġittimu tal-liġi mpunjata, u tnaqqis ieħor ta' 20% fuq is-somma riżultanti sabiex jittieħed kont tal-inċertezza illi l-attur kien jirnexxilu jżomm il-proprjetà` mikrija tul iż-żmien relevanti kollu għall-prezzijiet indikati mill-perit tekniku. Mis-somma riżultanti għandha mbagħad titnaqqas il-kera perċepita mill-attur, jew il-kera li kienet perċepibbli skont il-liġi."

48. Għaldaqstant skont il-linji gwida tal-QEDB sabiex jiġi ffissat kumpens pekunarju ġust għal-leżjoni tad-dritt fundamentali tas-sid, l-istima tal-kera tal-fond fis-suq miftuħ għandha titnaqqas:

a. Bi tletin fil-mija (30%) għall-iskop leġittimu tal-liġi speċjali;
b. B'għoxrin fil-mija (20%) ġialadarba ma teżisti l-ebda garanzija li l-fond kien ser ikun mikri matul il-perjodu rilevanti kollu, u
c. bil-valur tal-kera mħallsa mill-inkwilin jew fin-nuqqas bil-kera perċepibbli skond il-liġi.

49. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tieħu kont tal-**valur lokatizju** ta' matul is-snin kif irrelata l-Perit Tekniku sabiex tiddetermina l-kumpens pekunjarju xieraq dovut lir-rikorrenti skont il-linji gwida tal-QEDB adottati mill-Qorti Kostituzzjonali:

| **Sena** | **Stima tal-Perit annwali (€)** | **Kera mħallsa jew li kellha titħallas (€)** |
|---|---|---|
| 1987 | 497.91[9] | 46.59[10] |
| 1988 | 746.87 | 69.88 |
| 1989 | 746.87 | 69.88 |
| 1990 | 746.87 | 69.88 |
| 1991 | 746.87 | 69.88 |

[9] €746.87 / 12 x 8 (Mejju sa Diċembru).
[10] €69.88 /12 x 8 (Mejju sa Diċembru).

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 1992 | 1,224.24 | 69.88 |
| 1993 | 1,224.24 | 69.88 |
| 1994 | 1,224.24 | 69.88 |
| 1995 | 1,224.24 | 69.88 |
| 1996 | 1,224.24 | 69.88 |
| 1997 | 2,186.70 | 69.88 |
| 1998 | 2,186.70 | 69.88 |
| 1999 | 2,186.70 | 69.88 |
| 2000 | 2,186.70 | 69.88 |
| 2001 | 2,186.70 | 69.88 |
| 2002 | 2,838.61 | 69.88 |
| 2003 | 2,838.61 | 69.88 |
| 2004 | 2,838.61 | 69.88 |
| 2005 | 2,838.61 | 69.88 |
| 2006 | 2,838.61 | 69.88 |
| 2007 | 4,316.94 | 69.88 |
| 2008 | 4,316.94 | 69.88 |
| 2009 | 4,316.94 | 69.88 |
| 2010 | 4,316.94 | 185.00 |
| 2011 | 4,316.94 | 185.00 |
| 2012 | 4,424.74 | 185.00 |
| 2013 | 4,424.74 | 197.58 |
| 2014 | 4,424.74 | 197.58 |
| 2015 | 4,424.74 | 197.58 |
| 2016 | 4,424.74 | 220.00 |
| 2017 | 5,856.87 | 220.00 |
| 2018 | 5,856.87 | 220.00 |
| 2019 | 5,856.87 | 220.00 |
| 2020 | 5,856.87 | 230.00 |
| 2021 | 2,440.36[11] | 95.83[12] |
| **Total** | **104,309.38** | **3,937.52** |

50. Is-somma ta' €104,309.38 għandha l-ewwel tonqos bi 30% għall-iskop leġittimu tal-liġi speċjali, u għalhekk is-somma tinżel għal €73,016.57. Minn din is-somma jrid jonqos 20% peress li r-rikorrenti ma taw l-ebda garanzija li l-fond kien ser ikun mikri matul il-perjodu kollu in eżami u għalhekk is-somma tinżel ulterjorment għal €58,413.25 li minnha finalment jrid jitnaqqas il-kera li

[11] €5,856.87 / 12 x 5 (Jannar sa Mejju).
[12] €230 / 12 x 5 (Jannar sa Mejju).

attwalment ġiet imħallsa minn Seychell kif perċepibit skont il-liġi għall-istess perijodu u ċioe €3,937.52.

51. **Għaldaqstant id-danni pekunjarji qegħdin jiġu likwidati fis-somma ta' €54,475.73 li qed jiġu arrotondati għal erbgħa u ħamsin elf u ħames mitt ewro (€54,500).**

52. In kwantu għad-**danni non-pekunjarji, il-Qorti qed tillikwidhom fis-somma ta' erbatax-il elf ewro (€14,000) perċepibbbli in kwantu għal sebat elef ewro (€7,000) a favur Doris Frendo Azopardi, u in kwantu għal Nathalie Frendo Azopardi u Christine Sciberras, s-somma ta' tlett elef u ħames mitt ewro (€3,500) kull waħda.**

**Spejjeż tal-kawża**

53. L-Avukat tal-Istat huwa l-parti sokkombenti f'din il-kawża li trattat u sabet leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Għalhekk għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-kawża.

54. Fiċ-ċirkostanzi l-intimata Seychell m'għandha tbagħti l-ebda spejjeż tal-kawża li wkoll għandu jagħmel tajjeb għalihom l-intimat Avukat tal-Istat (**Paul Farrugia vs. Avukat tal-Istat et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-1 ta' Diċembru 2021).

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimat Avukat tal-Istat konformement ma' dak hawn fuq deċiż,

1. **Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-intimata Lisianne Seychell u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju**;**

2. **Tilqa' l-ewwel talba**, tiddikjara li bit-tħaddim fir-rigward tar-rikorrenti tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri (Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta), tal-Artikolu 1531Ċ tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll bl-Att X tal-2009 safejn taw jedd lil Lisianne Seychell li ġedded b'mod indefinit il-kirja tal-fond 147, Triq San Bartolomoew, Ħal Qormi, b'kera baxxa ħafna, seħħ ksur tal-jedd fundamentali tar-rikorrenti kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

3. **Tilqa' t-tieni talba** u tiddikjara li l-intimat Avukat tal-Istat għandu jagħmel tajjeb għas-sejbien ta' leżjoni tad-dritt konvenzjonali tar-rikorrenti u għad-danni pekunjarji u non-pekunjarji konsegwenzjali;

4. **Tilqa' t-tielet talba u tillikwida** d-danni pekunjarji fis-somma ta' erbgħa u ħamsin elf u ħames mitt ewro (€54,500) li għandhom jitħallsu fl-intier tagħhom lir-rikorrenti **Doris Frendo Azopardi. Tillikwida d-danni non-pekunjarji fis-somma ta' erbatax-il elf ewro (€14,000) pagabbli in kwantu għas-somma ta' sebat elef ewro (€7,000) pagabbli lil Doris Frendo Azopardi, filwaqt li r-rimanenti somma għandha tinqasam b'mod ugwali bejn Nathalie Frendo Azopardi u Christine Sciberras.**

5. **Tilqa' r-raba' talba u tikkundanna** lill-Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrenti bil-mod fuq spjegat is-somma komplessiva ta' tmienja u sittin elf u ħames mitt ewro (€68,500) rappreżentanti d-danni pekunjarji u non-pekunjarji fuq likwidati, bl-imgħax legali mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

**Spejjeż** a karigu tal-intimat Avukat tal-Istat.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
28 ta' Settembru, 2023

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**